# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Jannar, 2022**

**Numru 1**

**Rikors Numru 843/05 TA**

**George Muscat (I.D. 429749(M)) u Josephine Muscat (I.D. 582758(M)) konjugi Muscat u Ronald sive Ronnie Camilleri (I.D. 602248(M)) u Jane Camilleri (I.D. 547550(M)) konjugi Camilleri**

**vs**

**Jimmy Vella Limited (C 12556)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Dr Francis Lanfranco et (ir-rikorrenti) tat-8 ta' April 2021.

Rat ir-risposta tal-Atturi tas-6 ta' Mejju 2021.

Rat ir-risposta ta' Jimmy Vella Ltd (is-Soċjeta' konvenuta) tal-15 ta' Ottubru, 2021.

Rat li fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2021 il-partijiet għall-Kawża iddikjaraw li għalqu l-provi tagħhom kif del resto kienu diġa' iddikjaraw fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2020.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-persuni fuq imsemmija jittrattaw ir-rikors.

**Ikkkunsidrat**

Dak li qed jitolbu r-rikorrenti huma li jintervjenu fil-Kawża ai termini tal-artikolu 960 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Dwar dan l-Istitut il-Qorti tirreferi għas-Sentenza fl-ismijiet Alex Azzopardi -vs- Anna Ellul et, tad-29 ta' Ottubru 2010 fejn insibu riassunt tajjeb tal-prinċipji li jirregolaw il-materja u qalet hekk.

Fil-Qosor, il-pożizzjoni ta' l-intervenut fil-kawża a distinzjoni tal-kjamat in kawża, la huwa attur u anqas konvenut. Hu la jista' jitlob għall-ħlas ta' l-ispejjeż tiegħu u anqas jista' jiġi ikkundannat għall-ispejjeż. L-intervenut ma jistax jiġi ikkundannat jew illiberat, fis-sens li Sentenza ma tista' qatt tiġi esegwita mill-intervenut fil-kawża u vice versa u normalment ma tistax sentenza tiġi esegwita kontra tiegħu. Għalhekk isegwi li l-intervenut hu kkunsidrat li mhux parti fil-kawża. B'dana kollu għandu jkollu interess ġuridiku u mhux sempliċiment interess fl-eżitu.

Hu jista' jitlob li jintervjeni, u għandu jkun ammess jintervjeni, biex iħares l-interessi tiegħu f'dik il-kawża partikolari u mhux f'kawża jew kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati. Hu m'għandux id-dritt li jippreżenta eċċezzjonijiet ġja deċiżi. Filwaqt li fl-artikolu 962 dwar il-kjamat in kawża jingħad, li din għandha tiġi notifikata bir-rikors u titqies bħala kull konvenut ieħor u li bħala tali għandha jedd tippreżenta kull skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor li l-liġi tagħti lill-konvenut u

tista' tiġi meħlusa jew ikkundannata daqs li kieku li l-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha mill-bidu nett. Dan ma japplikax għall-intervenut fil-kawża anke fid-dawl tat-test użat f'artikolu 960 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

L-intervenut ma jsirx leġittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'liġi espressa kunsidrat bħal parti għall-kawża. Il-Qorti għandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet ta' l-intervenut fil-kawża u għalhekk tiddeċiedi l-punti li huwa jissolleva. L-intervenut jista' jippreżenta skritturi fil-kawża u jieħu parti attiva fid-diskussjoni.

Jidher li r-rikorrenti għandhom interess ġuridiku dirett u soġġettiv f'dawn il-proċeduri billi d-deċiżjonijiet jallegaw li l-mertu ta' din il-Kawża relatat mal-proprjeta li tagħha huma jgħidu li huma proprjetarji. Kif intqal fis-Sentenza fl-ismijiet Testaferrata Bonici et vs Micallef et, tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-10 ta' Jannar tal-2007: Konformament mas-sistema proċedurali tagħna skond l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jidher illi kondizzjoni neċessarja biex terz jiddaħħal fil-każ hi dik li dan hu titolari ta' dritt soġġettiv li huwa jrid isostni jew jiddefendi. Minn din il-kondizzjoni jikkonsegwi illi jekk jinstab li d-domanda tiegħu biex jintervjeni għandha konnessjoni jew kollegament ma' dik tal-partijiet l-oħra fuq l-istess oġġett sostanzjali tal-kawża, dan jiġġustifika dak li mill-prattiċi huwa denot bħala "simultaneus processus".

Bħala terz interessat ammess fil-proċeduri hu jista' anke "sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell' azione intentata" (Ara **Kollez. Vol. XVI P I p 117**). Huwa veru illi skond il-vot tal-liġi l-intervenut fil-kawża ma jissospendix il-proċediment. B' danakollu, kif enunċjat, "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu għadhom iridu jsiru fil-kawża, l-intervenut ma jistax japprofitta ruħu mill-mezzi kollha li tagħtih il-liġi biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu" (**Kollez. Vol. XXXII P I p 477**).

Minn dan jitnissel illi la darba milqugħa t-talba tiegħu biex jiddaħħal fil-kawża, huwa kellu d-dritt li jipparteċipa fl-inċidenti kollha tagħha u li, sa dak il-mument, kienu għadhom mhux deċiżi iżda ukoll dejjem fl-istadju li tkun fiha l-Kawża fil-mument li jkun talab li jintervjeni. Dan hu jista' jagħmlu anke billi jressaq l-eċċezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom (Ara Sentenza fl-ismijiet **Joseph Galea -vs- Alfred Cardona, tal-Appell Kummerċjali tat-28 ta' Lulju 1987**. L-anqas ma huwa sagrosant li tingħata l-fakulta' li tiġi presenatata bil-fors nota ta' eċċezzjoni, b'mod partikulari meta l-Kawża tkun fi stadju matur għall-aħħar u inoltrata.

Il-Qorti fid-dawl tat-tagħlim li għandha quddiemha ser tilqa' it-talba bis-segwenti kundizzjonijiet. Huma qed jiddaħħlu fil-kawża fl-istat u fażi li fih tkun tinsab il-kawża llum. Jidher mill-verbali fuq imsemmija, illi l-provi huma magħluqa gia u għad fadal biss li jsir rapport peritali. Il-Qorti għalhekk, għalkemm mhux ser tippermettilhom jagħmlu eċċezzjonijiet fl-istadju li

tinsab fih il-Kawża mhux ser iċaħħad lir-rikorrenti milli jagħmlu eskussjoni lill-periti u l-anqas li finalment jagħmlu sottomissjonijiet fuq il-provi miġbura sa issa.

Fl-aħħar nett fid-dawl li l-partijiet ilhom li ddikjaraw li għalqu l-provi sa mill-20 ta' Settembru 2020 (ir-rikors odjern ġie presentat fit-8 ta' April 2021) id-dokumenti kollha presentati sa issa mir-rikorrenti għandhom ikunu sfilzati. Għalhekk il-Qorti qed tordna l-isfilz tad-dokumenti kollha presentati bin-nota tat-22 ta' Lulju 2021 (a' fol 229).

**Provvediment**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati qed tilqa' it-talba tar-rikorrenti limitatment biss billi tippermettilhom jagħmlu mistoqsijiet in eskussjoni lill-Perit tal-Qorti jekk jidhrilhom li huwa l-każ, tippermettilhom jagħmlu finali sottomissjonijiet qabel mal-Kawża tmur għas-Sentenza fil-waqt li qed tordna l-isfilz tad-dokumenti kollha presentati bin-nota tat-22 ta' Lulju 2021 (a' fol 229).

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**